Kunsill Lokali Żejtun
'Dar iż-Żwieten', 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

Żejtun Città Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Seduta** | 06/11 tas-sitt Kunsill Lokali elett Marzu 2008 | | |
| **Data** | 30/06/2011 fis-6.40pm | | |
| **Post** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar Iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun | | |
| **Attendenza** | | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | | Viċi Sindku Joan Agius | Preżenti |
| | | Camilleri Claude | Assenti minħabba xogħol |
| | | Darmanin Richard | Preżenti mis-7.15pm sat-7.45pm |
| | | Fenech Stephanie | Assenti minħabba raġuni ta' mard |
| | | Hales Joseph | Preżenti |
| | | Pace Darrell | Assenti minħabba xogħol |
| | | Seychell Anthony | Preżenti |
| | | Wille Piscopo Elisabeth | Preżenti |
| **Preżenti wkoll** | | Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon | |
| | | Assistant Prinċipal Caroline Schembri | |

**06. 1.** **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Minghand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 06. 1. 1 | | Proponent: Wille Piscopo<br>Sekondant: Hales | **Il-Minuti 05/11 inqraw u ġew approvati nem.con. bil-korrezzjonijiet li ġejjin** | |
| | 05.10.2 | Minflok 'Attivitajiet Sotto Kumitat tal-Familja' jidħlu l-kliem 'Attivitajiet Sotto Kumitat Żgħażagħ u Sports'. | | |
| 06. 1. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.** | | |

**06. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Minghand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 06. 2. 1 | 05.2.1 | Sindku: Ħajt perikoluż mal-ġenb tal-Knisja Madonna tal-Ħniena | Is-Sindku rraporta lill-Kunsill li l-Arċiċpriet aċċetta li jsewwi l-ħajt ta' maġenb il-Knisja tal-Madonna tal-Ħniena filwaqt li nforma lill-Kunsill li ser isir railing in-naħa ta' Santu Rokku. Is-Segretarjat kiteb lill-Arċipriet dwar il-ħmieġ li hemm taħt l-iscaffolding li qiegħed mal-ġenb tal-knisja fejn dan aċċetta li jitneħħa l-iscaffolding sabiex ikun jista' jsir it-tindif neċessarju. | Sindku<br>Hales |
| 06. 2. 2 | 05.2.3 | Sindku: Survey | Is-Sindku spjega li x-xogħol fuq is-survey miexi tajjeb ħafna. Is-Sur Joe Zammit ser jagħmel rapport dwar ir-riċerka tiegħu dwar in-nies ta' Drydocks. Dan ir-rapport ser jiswa €800. Studenta universitarja miż-Żejtun għamlet it-teżi tagħha dwar 80 bidwi miż-Żejtun u ħa tadatta t-teżi tagħha għas-survey li qed nagħmlu. Dan ser jiswa €500.00 | Sindku<br>Viċi-Sindku |
| 06. 2. 3 | 05.2.4 | Sindku: Leaflets bi promozzjoni għall-korsijiet | Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-leaflets bi promozzjoni għall-korsijiet u l-attivitajiet tas-Sajf tqassmu. | Segretarjat |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 06. 2. 4 | 05.2.6 | Viċi-Sindku: Tfal Jadottaw Anzjan | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-proġett 'Tfal Jadottaw Anzjan' beda nhar id-29 ta' Ġunju. L-istudenti ingħataw log book biex jirrekordjaw dak li jkunu għamlu. Il-Viċi-Sindku se tkun id-Dar ta' l-Anzjani nhar ta' Erbgħa bejn is-6.30pm u t-8pm u s-Sibt bejn l-10.00am u l-11am pero' it-tfal xorta waħda jistgħu imorru individwalment iżuru lill-anzjani peress li s-sezzjoni issir isfel u mhux fil-kmamar. Is-Sindku faħħar u rringrazzja lill-Viċi-Sindku għal din l-inizjattiva. | Viċi-Sindku |
| 06. 2. 5 | 05.2.7 | Sindku: L-Attivita' 'Il-Festa Magħna' | Is-Sindku ta rapport ta' l-attivita 'Il-Festa Magħna' li saret fl-10 ta' Ġunju fejn kien hemm proposta li s-sena d-dieħla l-attivita' tittella' biż-Żwieten. **Il-Kunsill qabel nem.con.** | Sindku |
| 06. 2. 6 | 05.2.8 | Sindku: Misraħ Indipendenza | Is-Sindku spjega li ser ikompli jsegwi l-iżviluppi dwar l-esproprjazzjoni ta' art f'Misraħ Indipendenza. Dan sabiex il-wiċċ ta' Misraħ Indipendenza ikun jista' jingħata t-tarmak. | Sindku |
| 06. 2. 7 | 05.2.9 | Wille Piscopo: Tabella sabiex ma jintefax skart | Wille Piscopo spjegat li t-tabella trid titwaħħal fi Triq Delimara k/m Triq Dejma. Ġie deċiż ukoll li titwaħħal l-istess tabella fejn Dar it-Tagħlim peress li f'din iż-żona ukoll isir abbuż minn rimi ta' skart. | Sindku |
| 06. 2. 8 | 05.2.14 | Viċi-Sindku: Periklu fil-playingfields | Il-Viċi-Sindku ġibdet l-attenzjoni dwar slide perikoluża u tyres imqaċċtin fil-bandli ta' Ġnien San Girgor filwaqt li Wille Piscopo irrimarkat li hemm bżonn ta' manutenzjoni fuq il-bandli inġenerali. Is-Sindku spjega li r-rapport fuq il-bandli taż-Żejtun għadu ma wasalx. Ix-ogħol li hemm bżonn isir fuq il-bandli ser isir mill-ħaddiema sekondati lill-Kunsill. | Hales |
| 06. 2. 9 | 05.2.15 | Sindku: Triq President A. Buttiġieġ | Is-Sindku informa lill-Kunsill li ser nerġgħu nagħmlu reminder u nżommu lill-TM responsabbli dwar il-ħsara li teżisti fil-wiċċ ta' parti minn Triq President A. Buttiġieġ. | Sindku |
| 06. 2. 10 | 05.2.16 | Segretarjat:- Appell L&A Camilleri | Is-Segretarjat informa lill-Kunsill li għad ma kellux risposta dwar l-appell ta' L&A Camilleri rigward Tender 01/11 filwaqt li sar jaf is-Segretarju tal-Bord Jimmy Magro m'għandux fuq il-bord. | |
| 06. 2. 11 | 05.2.18 | Sindku: Trasport Pubbliku mill-Kumpanija Arriva | Is-Sindku fakkar li s-servizz mill-kumpanija Arriva ser jibda nhar it-3 ta' Lulju. Is-Sindku kellu laqgħa ma' rappreżentanti ta' l-istess kumpanija fejn dawn saħansitra fehmu u taw raġun għall-proposti tal-Kunsill iżda ma jistax isir bdil fir-rotot qabel 6 xhur oħra. | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 06. 2. 11 i | | | Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ppubblika leaflet b'informazzjoni tar-rotot taż-Żejtun li tqassam f'kull dar. Il-Kunsill ħareġ ukoll stqarrija sabiex jirringrazzja lis-sewwieqa li taw servizz f'dawn is-snin kollha. **Il-Kunsill qabel li ssir pressjoni dwar ir-rotta diretta għal Belt Valletta u flimkien mal-Kunsilli Lokali tal-madwar ma' l-awtoritajiet konċernati dwar is-servizz ta' Mater Dei.** Seychell ippropona li jiġu kkuntattjati ukoll l-MPs lokali. | Sindku |
| 06. 2. 12 | 05.3.6 | Viċi-Sindku: Ħaddiema tal-Gvern sekondati mal-Kunsill | Il-Viċi-Sindku talbet sabiex tinkiteb ittra ħalli l-ħaddiema tal-gvern li ttieħdu minn mal-Kunsill jerġgħu jiġu lura. Is-Sindku spjega li għalkemm il-Kunsill diġa' kiteb, dan baqa' bla risposta. | Sindku |
| 06. 2. 13 | 05.3.7 | Viċi-Sindku: Użu ta' Ġnien San Girgor għal picnic | Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk tlabniex ħlas sabiex isir picnic fi Ġnien San Girgor. Ir-risposta kienet fin-negattiv permess li dan m'għandux bżonn jagħmel permess. | |
| 06. 2. 14 | 05.3.8 | Segretarjat: Użu tal-Ġnien minn Dorianne & Neville | Is-Segretarjat informa lill-Kunsill li Dorianne u Neville kellhom jiltaqgħu mas-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiddiskutu l-użu tal-Ġnien San Girgor waqt it-tieġ tagħhom iżda dawn ma ġewx. Dorianne u Neville ser jerġgħu ikunu imsejħa għal-laqgħa oħra. | |
| 06. 2. 15 | 05.10.3 | Viċi-Sindku: Vodafone Group | Inġibdet l-attenzjoni li l-mobile unit tal-kumpanija Vodafone rama waqt l-attivita' tal-Għaqda Mużikali Beland. Is-Sindku spjega li l-mobile unit kien armat fuq ġewwa. | |
| 06. 2. 16 | 05.10.4 | Seychell: Kompetizzjoni ta' l-Inbid | Seychell fakkar lill-Kunsill fl-attivita' tal-kompetizzjoni ta' l-inbid li ser issir fit-8 ta' Lulju fi Ġnien San Girgor. Bħalissa Seychell jinsab għaddej bil-preparamenti meħtieġa għal din l-attivita. Seychell talab lis-Sindku sabiex jagħmel diskors waqt l-attivita' iżda is-Sindku dak inhar ser ikun imsiefer. Il-Viċi-Sindku ser tattendi jekk tkun tista', peress li ser tagħmel operazzjoni. | Seychell |
| 06. 2. 17 | 05.10.6 | | Seychell irringrazzja lis-Sindku talli daħal fid-dettal fuq l-art work tal-bolla tal-budaj. Il-Viċi-Sindku irringrazzjat lil Seychell ta' l-inizjattiva u tal-gest sabiħ. Minħabba l-copy right ser jintbagħat sett lill-persuni ikkonċernati. Il-Grupp tal-Filatelija laqgħu din l-inizjattiva tajjeb ħafna. | Seychell |

**06. 3. Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML06/11. B'riferenza għal:

| Riferenza | Rif | Minghand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 06. 3. 1 | 08 | DLG:Memo 51/2011: Playing Fields | Is-Sindku inkariga lil Hales sabiex iġib speċifikazzjonijiet MSA 3500 dwar it-tagħmir tal-playing fields. | Hales |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 06. 3. 2 | 19 | Wirt iż-Żejtun: Simpozju Wirt Żejtun 2012 | Il-Kunsill ma laqax it-talba ta' Wirt Żejtun sabiex nhar il-5 t'Awwissu isir Simpozju Wirt Żejtun 2012 fi Ġnien tal-Kmandant peress li f'dik il-ġuranta is-sotto kumitat ta' l-isports fi ħdan il-Kunsill Lokali ser jorganizza l-attivita' annwali z@freak fi Ġnien San Girgor. Għaldaqstant il-Kunsill qed jipproponi li s-simpozju isir f'data oħra. | Segretarjat |
| 06. 3. 3 | 20 | PBS: Programm 'Mill-Bieb il-Ġewwa' | **Il-Kunsill qabel li jagħmel reklam fuq programm tal-PBS 'Mill-Bieb 'l ġewwa' ġimgħa qabel l-attivita' 'Żejt iż-Żejtun'.** | Sindku<br>Viċi-Sindku |

**06. 4.** **Ħlasijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 06. 4. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 06/11 | **Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill.** | Segretarjat |
| 06. 4. 2 | | Tabella tal-Ħlasijiet 06/11 | **Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 06/11 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarjat |
| 06. 4. 2 i | 14 | **Hales ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li għalkemm ktibna u saret laqgħa mad-Direttur tas-CSD xorta waħda l-Kunsill Lokali baqa' bl-latrine attendant nieqes. Il-Kunsill qabel li jerġa' jibgħat reminder.** | | Segretarjat |
| 06. 4. 2 ii | 39 | **Il-Kunsill approva wkoll kontijiet nri 3493, 3496, 3506, 3495, 3494, 3505, 3504, 3503, 3498, 3502, 3497, 3501, 3500, 3499 ta' F. Zammit Nurseries għal servizzi extra li jammontaw għal €1,672.89.** | | Segretarjat |
| 06. 4. 2 iii | 41 | **Il-Kunsill approva l-ħlasijiet ta' l-avviżi tal-festa li saru fil-ktieb tal-Festa ta' l-Għaqda Banda Żejtun, Uffiċċju Parrokkjali u Għaqda tan-Nar u Għaqda Mużikali Beland.** | | Segretarjat |
| 06. 4. 3 | | Talbiet għal Xiri 06/11 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarjat |
| 06. 0. 3 i | PO98 | **Wara diskussjoni li qamet, il-Kunsill qabel li meta joħroġ it-tender ta' Kiosk is-Sienja, jikkunsidra li jdaħħal is-servizz ta' latrine attendant.** | | |

**06. 5.** **Pubblikazzjoni ta' Tenders/PhotoVoltaic Panels**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 06. 5. 1 | | Segretarjat: Kuntratti | Is-Segretarjat informa lill-Kunsill li fl-24 ta' Ġunju ġew pubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern Tender 03/11 għal servizz ta' Perit u Tender 04/11 għal provvista ta' Photovoltaic Panels. | |

**06. 6.** **Konklużjoni tat-Tender - PPP**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 6. 6. 1 | | Sindku: Rapport Tenders PPP | Is-Sindku irraporta lill-Kunsill li Poldiano Group ġie notifikat 3 darbiet permezz ta' ittri, 2 minnhom reġistrati sabiex itina l-informazzjoni meħtieġa u li ma stajniex inkomplu nistennew. Madanakollu il-Kunsill Lokali ma rċieva l-ebda risposta. Għaldaqstant il-Kunsill bagħat acceptance letter lil Philip Agius fejn mistenni jibda x-xogħol hekk kif joħorgu l-permessi għal l-aħħar t'Awwissu. Is-servizzi tal-KSI ser jiswew €21,000. B'kollox it-toroq ser jiswew madwar €300,000. | Sindku |
| 6. 6. 2 | | | L-ewwel toroq li ser isiru huma Triq il-Ħelsien u Triq Lvant. Il-Kunsill jittama li jkun jista jagħmel ukoll il-wiċċ ta' Misraħ Indipendenza. Min-naħa tieħu il-Kunsill ser ikompli jsewgi l-iżviluppi dwar il-biċċa art li hemm kwistjoni dwarha. | Sindku |
| 6. 6. 3 | | | Il quddiem ser jiġu kkunsidrati toroq oħra bħal Misraħ Kanonku de Domenico, Triq Dun Spir Grixti, Triq Marsaxlokk u Triq Palazzi. | Sindku |
| 6. 6. 4 | | | **Il-Kunsill qabel li Triq Xrobb l-Għaġin issir bil-ħaddiema tal-Kunsill stess filwaqt li Triq Santu Kristu u Triq Ħal Tarxien isiru bil-kuntrattur peress li f'dawn it-toroq hemm ħsara estensiva fuq il-wiċċ tat-triq.** | Sindku |
| **06. 7.** | | **Ġnien Brejġu** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Minghand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 06. 7. 1 | | Sindku: Ġnien Brejġu | Is-Sindku informa lill-Kunsill li x-xogħol fuq Ġnien Brejġu ser ikun lest sa l-aħħar t'Ottubru. | |
| **06. 8.** | | **Xogħol fuq il-Komun tal-Flats ta' Ħal Tmiem** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Minghand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 06. 8. 1 | | Sindku: Rapport | Is-Sindku rraporta dwar l-ittri li l-Awtorita tad-Djar bagħtet lill-Amministratturi u lill-inkwilini tal-Blokki ta' Ħal Tmiem dwar illegalitajiet. Waqt laqgħa li saret fejn preżenti kien hemm ukoll is-Sindku u l-Viċi-Sindku bħala rappreżentanti tal-Kunsill, is-Sindku għamilha ċara li dak li hu illegali huwa dak li qed jagħmel il-ħsara. Qabel il-laqgħa ittieħdu ritratti mill-Perit ta' l-Awtorita' mingħajr ma l-Kunsill kien mgħarraf. Is-Sinj. Graziella Paris, rappreżentanta ta' l-Awtorita' tad-Djar waqt il-laqgħa qalet li hi ġiet tiltaqa ma' l-amministraturi mhux mal-Kunsill. Is-Sindku ma kellux triq oħra ħlief li jitlobha titlaq barra mil-laqgħa. | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 06. 8. 2 | | | L-istess rappreżentanta, illum ikkuntattjat lill-Viċi-Sindku fejn għarrfitha li l-proposta tal-Kunsill li l-illegalitajiet huma biss dawk li l-affarijiet li qed jagħmlu ħsara, għaddietha lis-CEO ta' l-Awtorita' fejn dan aċċetta t-talba tal-Kunsill. Fi żmien jumejn din l-aċċettazzjoni għandha tkun bil-miktub f'idejn il-Kunsill Lokali. | |

**06. 9. Mozzjonijiet, Xiri u Xogħlijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 06. 9. 1 | | It-3 mozzjonijiet tal-Kunsillier Joseph Hales ser jitħallew għal darb'oħra. | | |
| 06. 9. 2 | | Proponent: Hales<br>Sekondant: Sindku | **Il-Kunsill qabel li l-kuntratt il-ġdid ta' Kiosk is-Sienja jibda mill-1 ta' Novembru 2011. Għandna nitolbu l-kuntrattur preżenti id-differenza li hemm bejn meta jagħlaq il-kuntratt eżistenti u l-1 ta' Novembru.** | |

**06. 10. Affarijiet oħra jekk meqjusa urġenti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 06. 10. 1 | | Impjegata C. Schembri: Teleworking | Il-Kunsill laqa' it-talba ta' l-impjegata C. Schembri sabiex meta terġa tidħol lura għax-xogħol, tagħmel xogħol permezz tat-teleworking bejn it-Tnejn u l-Ġimgħa mis-2.00pm 'l quddiem. | |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fit-8.10pm. Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis, 22 ta' Settembru, 2011 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Zejtun fis-6.00p.m.

Joe Attard
Sindku

Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI
ŻEJTUN
Città Beland